MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Numru 737/2005

PULIZIJA
SPETTUR VICTOR AQUILINA
VS
NOEL MICALLEF
GODFREY SPITERI
JOSEPH MUSCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati:

Noel Micallef, ta’ 30 sena, iben Victor u Virginia nee’ Meilaq, imwieled Pieta’ nhar it-8 ta’ Mejju 1975 u residenti Numru 46 Flt 3, Sqaq il-Biccerija, Birkirkara u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 340475(M).

Godfrey Spiteri ta’ 28 sena, iben Emanuel u Catherine nee’ Meilaq, imwieled il-Pieta nhar id-29 ta’ Jannar, 1977 u residenti Gawrha Crt. Blk.A Flt. 6 Triq il-Paderborn San

Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 152477(M).

Joseph Muscat ta' 18-il sena, iben Anthony u Josephine nee' Calleja, imwieled Pieta nhar it-8 ta' Marzu 1987 u residenti Winchester Crt. Flt. Triq Santa Rita Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 132387(M).

Godfrey Spiteri akkuzat wahdu talli fid-19 ta' Awissu, 2005 ghall-habta tal-11:00pm, f'dawn il-gzejjer u cioe' fi Triq il-Wied gewwa Birkirkara;

1). Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra liema hsara tista' ggid perikolu tal-hajja jew debulizza permanenti f'parti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' ta' l-imputat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 216 u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2). Aktar talli ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Francis Bezzina (Surgent tal-Pulizija Nru. 508), persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3). Aktar talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe' kontra Francis Bezzina (Surgent tal-Pulizija Nru. 508), waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4). Aktar talli minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Francis Bezzina (Surgent tal-Pulizija Nru. 508), hekk kif iccertifika Dr. Raymond Scerri M.D. Reg. No. 1986 tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 221 (1) u 222 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5). Aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsara fuq il-faccata tal-kazin ta' Duke's of Connaught Birkirkara, liema hsara ma teccedix il-hames mitt lira Maltin imma tkun izjed minn Lm50 liema hsara saret ghad-detriment tad-dirigenti ta' l-istess kazin u/jew l-Ghaqda Muzikali Duke's of Connaught u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lit-tlett persuni flimkien, cioe' Noel Micallef, Godfrey Spiteri u Joseph Muscat, akkuzati talli fid-19 ta' Awissu, 2005 ghall-habta tal-11:00pm f'dawn il-gzejjer u cioe' fi Triq il-Wied gewwa Birkirkara:

6). Xewxu gemgha ta' nies, illi hekk imxewxa ingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar sabiex jaghmlu reat, liema reat fil-fatt sehh u dan bi ksur ta' l-Artikoli 68(1), 68(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7). Aktar talli hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma gietx imxewxa minn xi hadd in partikolari u dan bi ksur ta' l-Artikolu 68(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8). Aktar talli kienu migburin flimkien f'numru ta' tnax-il persuna jew aktar kontra l-Ligi bi ksur tal-paci pubblika, wara li gew formalment imwissija jew mitluba minn awtoritajiet kompetenti biex jixxerdu u bil-kwiet imorru lura lejn darhom jew fuq xogholhom, baqghu jew issoktaw flimkien kontra il-Ligi f'numru ta' tnax jew aktar ghal zmien siegha wara li giet maghmulha dik it-twissija pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9). Aktar talli f'gemgha ta' tlett persuni jew aktar ingemghu jew baqghu flimkien, ghal kull hsieb ikun, b'mod tali u taht cirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort'ohra, li jistghu jgibu twerwir u biza' fost in-nies f'Malta, kull gemgha bhal dik titqies kontra l-Ligi, u kull persuna li tkun hadet sehem fiha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 79 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10). Aktar talli m'obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixkluh waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jhedd, indahlu fi dmiru, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor kien ghamel skond il-Ligi u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

11). Aktar talli bil-hsieb li jtellfu jew inaqqsu l-gieh ta' xi hadd, iwegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

12). Aktar talli volontarjament kisru il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

13). Aktar talli bil-lejl, kisru il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew glied, jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.32) u tal-imputati (a fol.8 sa 10) sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta’ l-Ispettur Victor Aquilina jirrizulta illi fid-19 ta’ Awissu 2005 waqt il-festa ta’ Santa Elena, Birkirkara, matul il-marc tal-Kazin tal-Bagri nqalghat kommossjoni u glieda fejn twaddbu flixken, kien hemm tghajjir u gesti oxxeni mill-partitarji tal-marc tal-Bagri kontra l-Kazin rivali ta’ l-Ghama. Spettur Aquilina xhed is-segwenti:

*“Hemmhekk il-Pulizija minn fuq il-post irnexxiela tinnota dak li waddab il-flixkun, jekk mhux sejjer zball, huwa, jirrizulta li huwa Godfrey Spiteri.”*

Spettur V. Aquilina xhed illi beda jinghad hafna kliem offensiv u saru gesti oxxeni u l-Pulizija rnexxielha biss tarresta lill-imputat Noel Micallef. Spettur Aquilina xhed illi l-imputat Joseph Muscat ukoll kien ghamel gesti oxxeni u qal kliem hazin u dawn iz-zewg imputati gew mitkellma mill-Pulizija. Spettur V. Aquilina xhed illi sussegwentement kellem lil Godwin Spiteri li verbalment qallu li waddab flixkun.

Supretendent Neville Aquilina xhed illi huwa kien qed jissorvelja l-marc tal-kazin tal-banda fil-festa ta’ Santa Elena u meta dan il-marc avvicina lil kazin rivali - Duke of Connaught, il-partitarji bdew jghidu kliem baxx u ghamlu gesti oxxeni, li l-Pulizija ntervjeniet sabiex imexxu lin-nies izda wiehed mill-partitarji tefa’ flixkun tal-hgieg li laqat lil hajt tal-kazin rivali u l-bcejjec tal-hgieg anka laqtu lil Pulizija li kienu ghassa ma’ dan il-kazin. Supretendent Neville Aquilina xhed illi huwa ma ddentifika l-ebda wiehed mill-imputati bhala l-persuni responsabbli izda wara gie nfurmat illi dan kien l-imputat Godfrey Spiteri. Gew arrestati zewg persuni ohra li ghamlu gesti oxxeni u lissnu kliem ta’ tghajjir li kienu l-imputat, Noel Micallef u Joseph Muscat. Fuq Joseph Muscat gie misjub raza tal-cannabis. Supretendent Neville Aquilina xhed illi wiehed mill-imputat qal li flixkun kien twaddab mill-kazin rivali ghal fuq il-partitarji, izda Supt. N. Aquilina kkonferma illi hu ra flixkun gej mill-partitarji ghal fuq il-kazin rivali. Supt. N. Aquilina kkonferma illi wara li ntefa’ l-flixkun, partitarji tal-

kazin rivali bdew ukoll jindirizzaw kliem oxxen lejn in-nies li kienu qed jiehdu sehem fil-marc.

PS 508 Frances Bezzina (a fol.35) kkonferma illi huwa kien prezenti ghal marc in kwistjoni, identifika lill-imputat Joseph Muscat bhala wiehed mill-partitarji illi beda jaghmel gesti provokattivi. Xhed illi l-imputat Muscat kien qieghed fuq l-ispalel, jaghmel gesti oxxeni. PS 508 Frances Bezzina xhed illi ma kienx jaf minn fejn twaddab il-flixkun tal-hgieg imbaghad wara ra lil Godfrey Spiteri jaqbad flixkun b'idejh u garah lura u li dan il-flixkun ghadda zbrixx ma' wicc Frances Bezzina. PS 508 Bezzina mar biex jrazzan lil Godwin Spiteri izda dan isarra mieghu, kien ser jizgicca, izda bl-assistenza tal-Kummissarju Cassar gie mrazzan u ttiehed l-Ghassa tal-Pulizija. PS 508 Bezzina xhed illi Joseph Muscat kien ingab l-Ghassa wkoll u wara tfittxija kienet instabet xi droga. Bezzina xhed illi Joseph Muscat;

*"Spikka ghax kien fuq l-idejn."* (ara xhieda fol.36)

L-imputat, Joseph Muscat beda jaghmel gesti b'idejh, cioe' jaghmel il-ponn. PS 508 Bezzina xhed illi kien mohhu fil-folla milli fil-kazin ta' Duke of Connaught. Bezzina xhed illi huwa ma ra lil Noel Micallef jaghmel xejn.

PS 1043 Frances Pace xhed illi fil-marc tal-festa fuq indikata kien hemm Joseph Muscat u Noel Micallef illi kienu qeghdin fuq l-ispalel tan-nies li bdew jaghmlu gesti oxxeni lil partitarji tal-kazin rivali. PS 1043 Frances Pace xhed illi f'hin minnhom ra lil Godrey Spiteri jitfa' flixkun lejn il-kazin rivali. Il-partitarji tal-kazin rivali kienu qeghdin gewwa dan il-bar;

*"Imma kellhom tieqa tal-bar miftuha dak il-hin."* (ara xhieda fol.40)

PS 1043 Frances Pace xhed illi l-gallarija ta' dan il-kazin kienet maghluqa u li kien hemm Pulizija wkoll stazzjonati fuq il-bejt ta' dan l-istess kazin. PS 1043 Frances Pace xhed illi l-ghajjat, id-dagha u kliem offensiv gew skambjati

miz-zewg partitarji tal-kazin. PS 1043 Frances Pace xhed li meta gie arrestat Godfrey Spiteri dana nforma lil Pulizija illi l-partitarji tal-kazin rivali kienu waddbu flixkun fid-direzzjoni tieghu u li hu tefghu lura.

PC 891 (fol.43) ikkonferma li Joseph Muscat u Noel Micallef kienu qeghdin fuq l-ispalel u li bdew jaghmlu gesti oxxeni izda ma setgha jindividwalizza ebda persuna li waddbet oggett.

*"Pero' li naf cert li* ***twaddab zgur, nista' nghid li twaddab f'zewg okkazzjonijiet*** *u kien intlaqat is-surgent."*

Spettur Ramon Mercieca kkonferma li Joseph Muscat u Noel Micallef bdew jaghmlu gesti oxxeni, jigdmu idejjhom u jistiednu n-nies ghal glied. Spettur Ramon Mercieca kkonferma illi kien hemm tieqa tal-kazin rivali illi kienet thalliet imbexxqa izda ma ra xejn mitfugh minn dik id-direzzjoni. Ikkonferma pero' illi semgha ghajjat gej mill-partitarji tal-kazin rivali.

Gie ezebit certifikat mediku ta' PS 1043 Frances Bezzina fuq griehi ta' natura hafifa u l-affidavit ta' Dr. Ramon Scerri.

L-Assistent Kummissarju Michael Cassar ikkonferma x-xhieda ta' l-Ufficjali tal-Pulizija, kkonferma l-insulti mill-partitarji li kienu qeghdin isegwu l-marc lejn il-kazin rivali:

*"Rajt l-ewwel flixkun gej habat mall-faccata u tkisser u jien immedjatament immarkajt lil dak li kien xehtu…mort immedjatament fuqu u arrestajtu dan irrizulta li huwa Godfrey Spiteri."*

Assistent Kummissarju Cassar ikkonferma illi l-Pulizija kienu mmarkaw zewg minn nies ohra, cioe Noel Micallef u Joseph Muscat illi fuqu nstabet bicca raza tal-cannabis.

L-imputat Godfrey Spiteri xhed illi huwa kien qed isegwi l-marc u l-kazin tal-partitarji rivali kien miftuh u l-partitarji li kienu wara l-marc bdew joffendu l-partitarji tal-kazin rivali.

Minn dan il-kazin rivali bdew jitwaddbu l-fliexken u Godfrey Spiteri jghid li ntlaqat minn wiehed mill-flixkun fuq spalltu u li ghalhekk hu qabad dan il-flixkun u waddbu fuq il-faccata tal-kazin. Minnufih zewg Pulizija arrestawh. Godfrey Spiteri xhed u baqa jsostni illi huwa ma rreziztiex lil Pulizija waqt l-arrest.

L-imputat Noel Micallef xhed illi huwa kien attenda l-marc tal-festa ta’ Santa Elena u li wara li spicca dan il-marc u kien sejjer lura d-dar, kien hareg Pulizija u nfurmah li kellu jmur l-Ghassa sabiex jigi mitkellem. Micallef xhed illi setgha ghamel xi mossi waqt il-kant tal-marc kif kienu qeghdin jaghmlu l-partitarji kollha u qal illi huwa kien qed ikanta biss il-kliem tal-marcijiet li uhud minnhom kienu ftit vulgari. Ikkonferma li lil Godfrey Spiteri ma jafux u li qatt ma ltaqa’ mieghu qabel dawn il-proceduri.

In kontro ezami, l-imputat Noel Micallef ikkonferma illi huwa kien qieghed fuq l-ispalel. Innega illi ghamel xi mossi oxxeni u li kulma ghamel kien li nissel il-kliem tal-marc.

L-imputat Joseph Muscat ikkonferma l-prezenza tieghu fil-marc bhala partitarju u kkonferma illi l-kazin rivali Duke of Connaught kien miftuh, xhed ukoll illi huwa kien qieghed fuq l-ispalel u li l-banda ta’ Santa Elena bdiet iddoqq il-marcijiet u li l-partitarji bdew ikantaw dawn il-marcijiet imzewqin bi kliem oxxen. L-imputat Joseph Muscat xhed li fl-ebda hin ma ra fliexken jinxtehtu minn banda jew minn ohra.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta johrog bic-car illi dan il-kaz jitratta incident illi jinqala sfortunatament ta’ spiss fejn partitarji ta’ marc ta’ festa jiehdu gost jikkuljunaw u jghajjru lil partitarji tal-kazin rivali tal-pajjiz. Illi fil-kaz odjern, pero’, l-incident ma waqafx bis-semplici kant ta’ marci fejn jinqalbu l-kliem originali tal-marc u jigu sostittwiti bi kliem vulgari, fil-kaz in ezami, l-Pulizija stazzjonat mal-kazin rivali Duke of Connaught xhedu illi twaddab flixkun mill-partitarji li kienu

qeghdin isegwu l-marc li ghadda zbrixx ma' wicc PS 1043 Frances Bezzina u nfaqa' mal-hajt tal-kazin.

Illi l-persuna li waddbet dan il-flixkun gie mmarkat minn diversi membri tal-Pulizija kif fuq indikat inkluz l-Assistent Kummissarju Michael Cassar.

L-imputat Godfrey Spiteri gie mrazzan minnufih mill-membri ta-Pulizija wara li ssielt ftit ma' PS 1043 Frances Bezzina li soffra griehi fi spalltu kif jidher mic-certifikat anness. Godfrey Spiteri pero', a tempo vergine, informa lil Pulizija illi l-flixkun li kien waddab fid-direzzjoni tal-kazin kien wiehed illi twaddab originarjament minn dan il-kazin, laqqtu fuq spalltu u hu b'reazzjoni waddbu lura, mhux lejn in-nies, izda ghal hajt tal-kazin.

Illi ghal dak li jirrigwarda Noel Micallef u Joseph Muscat, ix-xhieda kollha tal-Pulizija xhedu illi dawn it-tnejn kienu fuq l-ispalel u li kienu ikantaw il-verzjoni vulgari tal-marc u li ghamlu gesti b'idejjhom sabiex jakkompanjaw il-marc. Illi l-Qorti tifhem, anke mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, li dawn il-gesti kienu gesti oxxeni u gesti inkluz illi ghamlu l-ponn sabiex jistiednu l-partitarji rivali ghal glied.

Illi mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni pero' din il-Qorti hi tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ma lahqitx il-livell probatorju rikjest fil-kamp kriminali sabiex tipprova l-attentat ta' feriti gravi u cioe l-ewwel akkuza u bl-istess manjiera ma provatx it-tieni akkuza kontra Godfrey Spiteri izda l-Prosekuzzjoni rnexxila tipprova, bla dubju dettat mir-raguni, illi Godfrey Spiteri rrezista l-arrest u li waqt din ir-rezistenza kkaguna l-ferita ta' natura hafifa fuq is-Surgent Frances Bezzina kif konfermat mic-certifikat ta' Dr. Ramon Scerri. Rigward il-hames akkuza, ebda xhud da parti tal-Kazin ta' Duke of Connaught, ma tressaq il-Qorti sabiex jiddikjara xi hsarat setgha kien hemm fil-proprieta' tal-Kazin in segwitu ta' l-incident.

Illi l-Prosekuzzjoni xlew lill-imputati kollha, b'diversi akkuzi dwar gemgha illegali ta' nies bi hsieb illi jaghmlu xi haga kontra l-Ligi. Illi din il-Qorti wara li rat ic-cirkustanzi kollha tal-kaz u gharblet u ezaminat il-provi kollha prodotti hija

tal-fehma illi primarjament gie ppruvat illi l-imputati lanqas biss kienu jafu lil xulxin, illi l-gemgha ta' nies kienet wahda legali stante' li sabiex ikun hemm marc ta' festa jrid ikun hemm il-permessi kollha skond il-Ligi. Illi ghaldaqastant din kienet gemgha legali u l-incident li gara bl-ebda mod ma jista' jigi maghgun sabiex jaqa' taht il-peramitri ta' l-akkuzi taht l-Artikolu 68, 79 u 80 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghaldaqstant ma jissusstux is-sitta, is-sebgha, it-tmien u d-disgha akkuza.

Lanqas ma tissusstixxi mill-provi tal-Prosekuzzjoni, l-ghaxar (10) akkuza stante li m'huwiex ragonevoli f'dik il-gegwigija ta' nies illi wiehed jassumi illi l-imputati attwalment semghu xi ordni mill-Pulizija, fl-isfond tad-daqq ta' marcijiet mill-banda. Lanqas il-Prosekuzzjoni stess ma xhedu illi huma taw xi ordni lill-imputati Noel Micallef u Muscat li dawn ma obdewx. Ix-xhieda stess tal-Prosekuzzjoni turi illi dawn l-ahhar zewg imputati gew mitkellma mill-Pulizija **biss wara li** spicca kollox u li f'dan il-hin, ebda wiehed minnhom ma offra xi dizubbidjenza jew xi rezistenza.

Fil-kaz ta' Godfrey Spiteri, l-Qorti diga' tat il-fehma taghha ghal rigward tar-rezistenza li huwa offra waqt l-arrest.

Ghal rigward tal-hdax il-akkuza l-Qorti tinnotta li ghalkemm il-Prosekuzzjoni pprovat materjalment din l-akkuza, ebda kwerela ma giet ipprezentata minn xi partitarju tal-kazin ta' Duke of Connaught kif rikjest minn Artikolu 255 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u f'mankanza ta' dan ebda Qorti ma tista' ssib htija.

Ghal rigward tat-tnax (12) u t-tlettax (13) akkuza, din il-Qorti pero' taghraf illi l-Prosekuzzjoni ppruvat dawn l-akkuzi kif trid il-Ligi, meta l-imputati, waqt marc festiv, bdew jghajjtu u jkantaw b'verzjoni vulgari tal-marc tal-festa, jaghmlu gesti oxxeni u gesti bil-ponn biex jistiednu n-nies ghal glied.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib l-imputat Godfrey Spiteri mhux hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), l-hames (5), sitt (6), sebgha (7), tmint (8), disgha (9), l-ghaxar (10) u l-hdax

(11) akkuza li minnhom tilliberah, izda hati tat-tielet u r-raba, it-tnax u t-tlettax akkuza, b’assorbiment ai fini ta’ piena tat-tlettax (13) il-akkuza u wara li rat Artikolu 96(a), 221 u 338(dd)(m) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18)-il xahar.

Il-Qorti ssib lill-imputati, Noel Micallef u Joseph Muscat, mhux hatja tas-sitt (6), sebgha (7), tmint (8), disgha (9), l-ghaxra (10) u l-hdax (11) akkuza li minnhom tilliberahom, izda hatja tat-tnax u t-tlettax akkuza b’assorbiment ai fini ta’ piena tat-tlettax il-akkuza u wara li rat l-Artikoli 338(dd) u 338(m) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannahom ghal amenda ta’ tmienja u hamsin punt tlieta u ghoxrineuro (58.23 Euro).

Il-Qorti in oltre torda illi l-imputati, Godfrey Spiteri, Noel Micallef u Joseph Muscat, ma jersqu lejn ebda attivita’ tal-festi tal-pajjiz ta’ Birkirkara ghal perijodu ta’ sentejn minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------